

Brussell, 22 ta' Ġunju 2015
(OR. fr)

10130/15

COAFR 195
ACP 95
RELEX 501
COHAFA 58

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	10109/15
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Burundi

Fil-laqgħa tiegħu tat-22 ta' Lulju 2015, il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet tal-Kunsill fl-Anness.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Burundi

1. L-istagħnar politiku fil-Burundi u s-sitwazzjoni tas-sigurtà u ekonomika li sejra għall-aġar joħolqu effetti serji fuq il-popolazzjoni u riskji għar-reġjun kollu. Quddiem din is-sitwazzjoni kritika, l-UE tfaħħar il-mobilizzazzjoni fir-reġjun biex tinsab soluzzjoni. Id-deċiżjonijiet dwar is-sitwazzjoni fil-Burundi adottati mis-Summit tal-Unjoni Afrikana (UA) fit-13 ta' Ġunju, kif ukoll il-konklużjonijiet tas-Summit tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant (EAC) tal-31 ta' Mejju li għadda, jistabbilixxu qafas inevitabbli biex jippermetti lill-Burundi joħroġ minn din il-kriżi.
2. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-16 ta' Marzu u tat-18 ta' Mejju 2015, l-UE għandha l-istess fehma tal-UA, is-CAE u n-Nazzjonijiet Uniti (NU) li d-djalogu u l-kunsens biss, b'rispett tal-Ftehim ta' Arusha u tal-Kostituzzjoni tal-Burundi, jippermettu li tinsab soluzzjoni politika sostenibbli fl-interess tas-sigurtà u d-demokrazija għall-Burundjani kollha. Hija tappella, u tiegħu l-impenn li tagħti appoġġ, lill-atturi Burundjani kollha biex ikomplu bid-djalogu rigward il-kwistjonijiet kollha li joħolqu diverġenzi bejn il-partijiet.

3. L-Unjoni Ewropea tappella biex jiġu rispettati bis-sħiħ il-kondizzjonijiet identifikati mill-UA u s-CAE, essenzjali għall-kredibbiltà u l-andament tajjeb tal-proċess elettorali b'mod paċifiku, inklużiv u trasparenti, u b'rispett sħiħ għal-libertajiet politiċi, inkluża l-libertà ta' espressjoni. L-UE tappella għal tisħiħ tal-koordinazzjoni, tappoġġa l-isforzi ta' medjazzjoni li qed isiru mill-UA, is-CAE u n-NU, u tinsab lesta tagħti sostenn għall-implimentazzjoni tal-miżuri konkreti li tħabbru reċentement mill-UA. Kemm is-CAE kif ukoll l-UA ddikjaraw biċ-ċar li bħalissa għadhom ma ntlaħqux kondizzjonijiet adatti għall-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet. Huwa ferm probabbli li dawn il-kondizzjonijiet mhux ser ikunu jistgħu jintlaħqu fiż-żmien previst mill-kostituzzjoni Burundjana. L-UE tteġġeg lill-gvern tal-Burundi jaċċetta din ir-realtà u jirreaġixxi mill-aktar fis possibbli għad-deċizzjonijiet tal-Kunsill tal-Paċi u s-Sigurtà tal-UA permezz ta' atti konkreti.
4. Bħall-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem, l-UE tinsab imħassba sew bl-għadd ta' vittmi u bil-każijiet ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem sa mill-bidu tal-kriżi, b'mod partikolari l-abbużi mill-forzi tas-sigurtà u l-membri tal-Imbonerakure. Hija titlob lil dawk responsabbli biex jieqfu minn kull att li jwassal għal dawn il-vjolenzi u tteġġeg lill-awtoritajiet Burundjani jfittxu l-verità kollha dwar dawn il-ġrajjet u jressqu lil dawk responsabbli quddiem il-ġustizzja. L-UE ttenni li m'għandux ikun hemm impunità għal dawk responsabbli minn ksur serju tad-drittijiet tal-Bniedem, u li dawn il-persuni għandhom jinżammu individwalment responsabbli u jagħtu rendikont quddiem il-ġustizzja. F'dan il-kuntest, l-UE tagħti importanza partikolari għall-istazzjonament immedjat tal-osservaturi tad-drittijiet tal-Bniedem u l-esperti militari li tħabbru mill-UA.

5. L-UE hija determinata li tadotta, f'dak il-każ, miżuri restrittivi kontra dawk li azzjonijiethom setgħu jwasslu jew iwasslu għal atti ta' vjolenza u repressjoni, għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u/jew għal tfixkil biex tinsab soluzzjoni politika fil-qafas propost mill-UA u s-CAE. Bħala miżura preventiva, il-Kunsill jitlob lir-Rappreżentant Għoli tibda ħidma preparatorja għal dan il-għan.
6. L-UE tfakkar fl-obbligi tal-Ftehim ta' Cotonou fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, il-valuri demokratiċi u l-istat tad-dritt u fil-possibbiltà li jinbdew il-proċeduri ta' konsultazzjoni previsti fil-Ftehim, inkluż skont l-Artikolu 96.

Skont ir-reazzjoni tal-gvern Burundjan għad-deċiżjonijiet tal-Kunsill tal-Paċi u s-Sigurtà tal-UA u l-iżviluppi futuri, l-UE tinsab lesta tibda dawn il-proċeduri, inkluż fil-qasam tal-kooperazzjoni, biex tiżgura li l-Burundi jirrispetta l-impenji msemmija.

L-UE tisħaq li l-obbligi tal-Ftehim ta' Cotonou japplikaw bl-istess mod għall-Istati partijiet kollha fil-Ftehim.

7. L-UE tesprimi wkoll it-tħassib serju tagħha dwar il-fluss kontinwu ta' refuġjati lejn il-pajjiżi ġirien. Hija ttenni l-appoġġ tagħha għall-organizzazzjoni umanitarji fir-reġjun li jirreaġixxu għall-bżonnijiet immedjati tar-refuġjati. Hija tfaħħar lill-awtoritajiet tal-pajjiżi ospitanti għall-politika ta' frontieri miftuħa u ta' akkoljenza tagħhom fir-rigward tal-popolazzjonijiet li jfittxu kenn lil hinn mill-frontieri tagħhom.